

32001D1215(01)

15.12.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

C 358/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-6 ta' Diċembru 2001

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2000 li tawtorizza lid-Direttur ta' l-Europol biex jidħol f'negozjati dwar ftehim ma' Stati terzi u ma' korpi li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-Unjoni Ewropea.

(2001/C 358/01)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 42(2), l-Artikolu 10(4) u l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Konvenzjoni ta' l-Europol) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Kunsill tat-3 ta' Novembru 1998 li jstabbilixxi r-regoli dwar ir-Relazzjonijiet esterni ta' l-Europol ma' Stati terzi u ma' korpi li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-Unjoni Ewropea ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 f'dak l-Att,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Kunsill tat-3 ta' Novembru 1998 li jstabbilixxi r-regoli dwar il-lqugħ ta' l-informazzjoni mill-Europol minn terzi ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2 f'dak l-Att,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Kunsill ta' Marzu 1999 li jadotta r-regoli dwar it-trasmissjoni ta' data personali mill-Europol lejn Stati terzi u korpi terzi ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 2 u 3 f'dak l-Att,

Billi:

- (1) L-ħtiġijiet operazzjonali u l-bżonn ta' għieda effettiva kontra l-forom organizzati ta' kriminalità permezz ta' l-Europol jitolbu li Monako tiżdied fil-lista ta' l-Istati terzi li magħhom id-Direttur ta' l-Europol huwa awtorizzat li jibda n-negozjati.
- (2) Fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2000 li tawtorizza lid-Direttur ta' l-Europol biex jidħol f'negozjati ta' ftehim ma' Stati terzi u korpi li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-Unjoni Ewropea ⁽⁵⁾ l-UNDCP (Programm għall-Kontroll ta' Drogi tan-Nazzjonijiet Uniti) tniżżel fil-lista bħala waħda mill-entitajiet li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-Unjoni Ewropea li magħhom id-Direttur ta' l-Europol huwa awtorizzat li jibda n-negozjati.
- (3) L-ħtiġijiet operazzjonali u l-bżonn ta' għieda effettiva kontra l-forom organizzati ta' kriminalità permezz ta' l-Europol jitolbu li minflok il-Programm għall-Kontroll ta' Drogi tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDCP) ikun hemm l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Kontroll tad-Drogi u l-Prevenzjoni tal-Kriminalità (ODCCP).

- (4) Id-Deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 2000 għandha għalhekk tiġi emendata,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Marzu 2000 hija hawnhekk emendata kif ġej:

Fl-Artikolu 2(1):

- (a) fl-intestatura "Stati Terzi", l-inċiż li ġej għandu jiżdied, bejn Malta u l-Marokk:

— "Monako";
- (b) fl-intestatura "korpi li m'għandhomx x'jaqsmu ma' l-Unjoni Ewropea", l-inċiż

— "UNDCP (Programm għall-Kontroll ta' Drogi tan-Nazzjonijiet Uniti)" għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

— "ODCCP (Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Kontroll tad-Drogi u l-Prevenzjoni tal-Kriminalità)".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara dik li fiha kienet adottata.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 2001.

Għall-Kunsill

Il-President

M. VERWILGHEN

⁽¹⁾ ĠU C 316, tas-27.11.1995, p. 2.

⁽²⁾ ĠU C 26, tat-30.1.1999, p. 19.

⁽³⁾ ĠU C 26, tat-30.1.1999, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU C 88, tat-30.1.1999, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 106, tat-13.2.2000, p. 1.